Nru. 18,243
Prezz/Price
€4.10 (Lm1.76)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008
Friday, 9th May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 373

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fis-6 ta' Mejju, 2008, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Id-9 ta' Mejju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 373

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 6th May, 2008, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the function of President from the time of the President's arrival in Malta.

9th May, 2008

Nru. 374

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Id-9 ta' Mejju, 2008
(File No. L904/68)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

No. 374

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

9th May, 2008

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Qormi:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 33 metru twila, 0.9 metri wiesgħa u 8.2 metri fonda u bini ta' *manhole* kwadra/rettangolari ta' 0.9 metri b'0.9 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,888 metru kwadru, liema għalqa tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Rev. Law. Saliba, mill-Punent ma' Sqaq Awzara u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Knisja.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 26 metru twila, 0.9 metru wiesgħa u 7 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,974 metru kwadru, li tmiss minn-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carmelo Cassar, mill-Punent ma' Sqaq Awzara u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur J. Cassar.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 458 metru twila, 0.9 metru wiesgħa u 8.2 metri fonda u bini ta' żewġ *manholes* kwadri/rettangolari ta' 0.9 metri b'0.9 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 18,750 metru kwadru, liema għalqa tmiss min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà ta' J. Leonardini, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' J. Fenech u mill-Grigal mal-ByPass ta' l-Imrieħel.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur aħdar filwaqt li t-trinek huma mmarkati bil-kulur aħmar fuq il-pjanti mmarkati P.D. 98A_2002 kif ukoll P.D.98_2002 rispettivament, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-30 ta' April, 2008

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Qormi:–

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 33 metres long, 0.9 metres wide and 8.2 metres deep and the construction of a square/rectangular manhole of 0.9 metres by 0.9 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 2,888 square metres, which field is bounded on the South and the South East by property of Rev. Law. Saliba, on the West by Sqaq Awzara and on the North East by Church property.

2. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 26 metres long, 0.9 metres wide and 7 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 2,974 square metres, bounded on the South and the South East by property of Carmelo Cassar, on the West by Sqaq Awzara and on the North by property of Mr J. Cassar.

3. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 458 metres long, 0.9 metres wide and 8.2 metres deep and the construction of two square/rectangular manholes of 0.9 metres by 0.9 metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 18,750 square metres, bounded on the South and the East by property of J. Leonardini, on the North by property of J. Fenech and on the North East by the Mrieħel ByPass.

The above mentioned lands are shown with the colour green whilst the trenches are shown with the colour red on plan marked P.D. 98A_2002 as well as P.D.98_2002 respectively, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

30th April, 2008

Nru. 375

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Id-9 ta' Mejju, 2008
(File No. L33/81/7)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 24 ta' Awissu, 1981 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Settembru, 1981 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 472, il-President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art, li tinkludi girna, żewġ duriet, tlett ikmamar rurali, ġiebja u sebat ibjar - tal-kejl ta' madwar 31,958 metr kwadru, li tmiss mill-Grigal, mix-Xlokk, mil-Lbiċ u mill-Punent ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skopijiet pubbliċi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fir-Rabat, Malta:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,022 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Knisja.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkati bil-kulur aħmar u indikata bħala *plot* Nru. 7A fuq pjanta P.D. 111_81_2, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-30 ta' April, 2008

No. 375

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

9th May, 2008

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 24th August, 1981 and published in the Government Gazette of the 4th September, 1981 under Notice No. 472, the President of Malta had declared that a plot of land, which includes a girna, two duriet, three rural rooms, cistern and seven wells - of the area of about 31,958 square metres, bounded on the North East, the South East, the South West and the West by property of the Cathedral Chapter of Mdina, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Rabat, Malta:

1. A plot of land of the area of about 1,022 square metres, bounded on the North, the West and the South by Church property.

The abovementioned land is shown marked with the colour red and indicated as plot No. 7A on plan P.D. 111_81_2, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

30th April, 2008

Nru. 376

ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAR-DEPUTATI

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Pauline Abela	Skrivan tal-Kamra *Clerk to the House*	Kamra tad-Deputati *House of Representatives*	From 29.04.2008

Id-9 ta' Mejju, 2008

No. 376

APPOINTMENT OF ACTING CLERK TO THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

9th May, 2008

Nru. 377

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika u Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frank Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	13 - 16.5.2008

Id-9 ta' Mejju, 2008

No. 377

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

9th May, 2008

Nru. 378

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Joseph Vella	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	09.5.2008

Id-9 ta' Mejju, 2008

No. 378

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

9th May, 2008

Nru. 379

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS SAJD (KAP. 146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna skond ir-Regolamenti ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti, 2004

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 226 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,203 tas-7 ta' Marzu, 2008, f'paġna 3167, paragrafu 8 għandu jaqra kif ġej:

8. L-applikazzjonijiet mogħtija wara l-15 ta' Mejju, 2008 għandhom jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet li ġew mogħtija tard u dawn l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati sal-11 ta' Ġunju, 2008. Fir-rigward ta' applikazzjonijiet mogħtija tard għall-iskema ta' ħlas wieħed 1% kull ġurnata ta' ħidma għandhom jitnaqqsu mill-ammonti li jitħallsu bħala intitolament ta' pagament li jiġu allokati lill-bidwi.

Id-9 ta' Mejju, 2008

No. 379

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Aid Applications in Terms of the Paying Agency Regulations, 2004

WITH reference to Government Notice No. 226 published in Government Gazette No. 18,203 of the 7th March, 2008, on page 3167, paragraph 8 should read as follows:

8. Applications submitted after 15th May, 2008 shall be considered as late applications and such applications will be treated till the 11th June, 2008. With regard to late applications for the single payment scheme, 1% per working day shall be deducted from the amounts to be paid in respect of the payment entitlement to be allocated to the farmer.

9th May, 2008

Nru. 380

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
9. 05. 08	€18.390 (Lm7.89,5)	€0.370 (Lm0.15,9)

Id-9 ta' Mejju, 2008

No. 380

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

9th May, 2008

Nru. 381




ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna jew kif indikat fuq il-mappa riprodotta ta' l-istess skeda msemmija.

No. 381

NAMING OF STREETS IN MALTA


IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column or as indicated on the reproduced map of the schedule.

SAN PAWL IL-BAĦAR Il-wesgħa li jiżbukkaw fiha Triq Sant'Aristarku, Triq il-Għabex u Triq il-Villeġġjatura mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: WESGHA MARY DORIS ZARB ATTIVISTA ĊIVIKA 1943 – 2004	
ĦAL QORMI - Tal-Ħandaq Triq ġdida fi Triq Anthony John Coleiro immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ DANIEL SPITERI SACCO MARMISTA 1982 – 2006	
ĦAL QORMI Trejqiet Ta' Pinto Nru 1 u Nru 2 immarkati bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jingħaqdu fi triq waħda u tissemma: TRIQ DUN ĠWAKKIN SCHEMBRI STUDJUŻ BIBBLIKU 1930 – 2006	

ĦAL BALZAN

L-arja bis-siġar f'nofs il-wesgħa fejn jiżbukkaw Triq l-Għerusija, Triq Dun Ġwann Zammit Hammet, Triq Siġismondo Dimech u Triq Antonio Bosio, immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


WESGĦA
ĠIĠI GAUCI
ATTIVIST ĊIVIKU
1911 – 2003



WIED IL-ĠĦAJN

Triq Ġdida fi Triq il-Ħabberxa mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IL-QUĊĊATA




IL-BIRGU

Bdil ta' parti minn isem ta' triq

Il-parti ta' Triq Desain li tiżbokka fi Triq il-Mina l-Kbira mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
L-10 T'AWISSU, 1258




IL-MARSA

Bdil ta' parti minn isem ta' triq

Il-parti ta' Triq is-Salib tal-Marsa, minn k/m Triq il-Pitkali sal-Kappella tal-Midalja Mirakoluża (Tal-M.U.S.E.U.M.), immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
SAN ĠORĠ PRECA



PEMBROKE

Trejqet il-Beatu Nazju Falzon, li issa sar żvilupp fiha u ħadet struttura ġdida minn dik ta' triq u mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


PJAZZA
L-BEATU NAZJU FALZON



ĦAD-DINGLI

Il-ġnien ġdid fil-Qasam tal-Bini Nru 3, li jiżbukkaw fih Triq il-Ħemda, Triq il-Gvernatur William Reid u Triq Francesco Zammit immarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:


ĠNIEN IL-FAMILJA



L-IKLIN

Triq Ġdida fi Triq il-Ħarruba, immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IŻ-ŻEBBUĠA




IŻ-ŻURRIEQ

Triq bla isem fi Triq Ta' Bengħajsa, immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IS-SUMMIEN

Triq bla isem fi Triq Ta' Bengħajsa, immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IL-PLUVIERI




L-IMQABBA

Triq magħrufa bħala Triq Valletta l-Qadima, immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
BASKAL XUEREB
MGHALLEM BENNEJ
1885 – 1960

Triq Ġdida fi Triq Dun Giacomo Tortella, immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
MONS. INNOĊENZ ZAMMIT
1889 - 1957




SAN ĠWANN

Triq immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
ĠUŻEPPA MICALLEF
KUĊĊNARA
1895 – 1997

Triq immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
PATRI LEOPOLDU TABONE
KAPPILLAN
1965 - 1983




IL-FURJANA

Triq immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
EMVIN CREMONA
PITTUR
1919 – 1987

Triq immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
IL-KAV.
GIOVANNI GALDIANO
Seklu 17



ĦAL GĦAXAQ

It-trejqa bejn Triq Hal Tarxien u Triq il-Belt Valletta mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TREJQA
TA' KALAMIJA



ĦAL GĦAXAQ

It-trejqa bejn Triq il-Belt Valletta u Triq Tal-Barrani mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TREJQET
SANTU KRISTU



ĦAL GĦAXAQ

It-triq bejn Vjal il-Labour u Triq il-Bizzilla mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
WENZU DALLI
FILANTROPU
1954 – 2005



ĦAL GĦAXAQ

It-triq magħrufa bħala Triq it-Telleritu mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
CARMELO ROSARIO DIMECH
MGĦALLEM TAL-LAVUR
1912 – 1986



ĦAL GĦAXAQ

Bdil fl-Isem

Triq Dun Ġorġ Preca tissemma ..... TRIQ SAN ĠORĠ PRECA
FUNDATUR TAL-M.U.S.E.U.M.
1880 – 1962

IL-ĦAMRUN

Bdil fl-Isem

Triq Dun Ġorġ Preca tissemma ..... TRIQ SAN ĠORĠ PRECA
FUNDATUR TAL-M.U.S.E.U.M.
1880 – 1962

ĦAŻ-ŻABBAR


Bdil fl-Isem

Trejqa l-Beatu Ġorġ Preca tissemma ..... TREJQA SAN ĠORĠ PRECA
FUNDATUR TAL-M.U.S.E.U.M.
1880 – 1962

IŻ-ŻEJTUN

It-triq immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IL-HALL




IŻ-ŻEJTUN

Isem ta' Ġnien

Il-ġnien immarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:

ĠNIEN
IL-QAWSALLA



IŻ-ŻEJTUN

Isem ta' Ġnien

Il-ġnien immarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:

ĠNIEN
IĊ-ĊRIEKI



IŻ-ŻEJTUN

Korrezzjonijiet

Trejqet il-Fejġel li żviluppat fi triq tissemma	TRIQ IL-FEJĠEL
Triq Paolo Alpheran de Bussan tissemma .....……	TRIQ L-ISQOF ALPHERAN de BUSSAN 1728 – 1757
Triq Dun Lawrenz Degabriele (Arċipriet – 1852-1920) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Settembru, 2001, għandha tinqara	TRIQ DUN LAWRENZ DEGABRIELE ARĊIPRIET 1852 – 1931
Misraħ Karmnu Grima jissemma	MISRAH KARMENU GRIMA TREJDUNJONISTA 1904 – 1977

Id-9 ta' Mejju, 2008 9th May, 2008

Nru. 382


ISMIJIET TA' TOROQ F'GĦAWDEX

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

No. 382

NAMING OF STREETS IN GOZO

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

TA' SANNAT Triq Ġdida fi Triq il-Għaxra ta' Ottubru, 1942, immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ IL-QORTINA	

IR-RABAT

Bdil fl-Isem

Triq is-7 ta' Ġunju, 1919, tissemma ….…..…. TRIQ IS-SETTE GIUGNO

Nru. 383

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima ta' l-Impatt Ambjentali
Avviż skond Artikolu 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' l-2007)

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St Francis Ravelin, il-Furjana CMR 01 jew fuq l-indirizz elettroniku: eiamalta@mepa.org.mt. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż.

Aktar informazzjoni tistà tinkiseb minn fuq: http://www.mepa.org.mt/EIA-Malta/mainpage.aspx.

Sit fil-Qawra, San Pawl il-Baħar — GF 00153/06

Titjib taż-żona tal-kosta u żvilupp ta' ramla.
Is-Sur Mario Attard f'isem l-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu

Site at Qawra, St Paul's Bay — GF 00153/06

Proposed upgrading of coastal area and development of a sandy beach
Mr Mario Attard o.b.o. Malta Tourism Authority

Id-9 ta' Mejju, 2008

9th May, 2008

No. 383

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana during office hours.

The public is advised to submit in writing any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment to the Director of Environment Protection, Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana CMR 01 or via email: eiamalta@mepa.org.mt. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice.

More information can be obtained from http://www.mepa.org.mt/EIA-Malta/mainpage.aspx.

Nru. 384

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Marco Burlò bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Christine Abela, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mis-16 ta' April, 2008 sad-19 ta' April, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputat Reġistratur u Kummissjunarju għall-Għotja tal-Ġuramenti

Is-6 ta' Mejju, 2008

No. 384

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Marco Burlò to be Notary Delegate/Keeper for Notary Christine Abela, during the latter's absence from these Islands from the 16th April, 2008 till the 19th April, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputy Registrar and Commissioner for Oaths

6th May, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 37

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta/Il-Furjana

Nhar is-Sibt, l-10 ta' Mejju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Il-Mall bejn il-venda tal-karozzi tal-linja u Triq l-Assedju l-Kbir, Vjal King Edward quddiem l-MCP Car Park, Nelson, Pjazza San Ġorġ, l-Arċisqof, ir-Repubblika, l-Ifran, San Ġwann, il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali u Ġlormu Cassar.

Il-Marsa

Nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Mejju 2008 bejn is-6.00 p.m. u s-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Balbi, il-Kapuċċini, it-Telgħa tal-Ġiżwiti, Feliċjan Bilocca, Diċembru Tlettax, Zerafa, Nazzarenu, Sant'Antnin, it-Trinità Mqaddsa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, is-Sebħ, l-Iskola sal-Każin tal-Banda

.

Nhar il-Ħamis, il-15 ta' Mejju 2008 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: iz-zuntier tal-Knisja, Balbi, San Tumas, Zerafa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, Azzopardi u Pjazza Balbi.

Nhar il-Ħamis, il-15 ta' Mejju 2008 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. ta' nhar il-Ħadd, it-18 ta' Mejju 2008 minn Triq is-Salib minn ħdejn il-BOV.

Nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Mejju 2008 bejn il-5.00 p.m. u s-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: is-Sajjieda, Patri Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Zerafa, il-Farfett, Pjazza Magri, il-Marsa u Balbi.

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Mejju 2008 mill-10.00 a.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Balbi, San Tumas, Zerafa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, San Pawl, Għabex, is-Sebħ, it-Tiġrija, is-Sliem u l-Iskola.

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Mejju 2008 mis-6.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Balbi, San Tumas, il-Pitkali, Zerafa, it-Trinità Mqaddsa, Sant'Antnin, Nazzarenu u l-Marsa.

POLICE NOTICE

No. 37

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta/Floriana

On Saturday, 10th May 2008 from 6.00 a.m. onwards through the following streets: The Mall between the bus terminus and Triq l-Assedju l-Kbir, King Edward Avenue opposite MCP Car Park, Nelson, Pjazza San Ġorġ, l-Arċisqof, ir-Repubblika, l-Ifran, San Ġwann, Central Bank Parking Area and Ġlormu Cassar.

Marsa

On Wednesday, 14th May 2008 between 6.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: Balbi, il-Kapuċċini, it-Telgħa tal-Ġiżwiti, Feliċjan Bilocca, Diċembru Tlettax, Zerafa, Nazzarenu, Sant'Antnin, it-Trinità Mqaddsa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, is-Sebħ, l-Iskola to Band Club.

On Thursday, 15th May 2008 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Church parvis, Balbi, San Tumas, Zerafa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, Azzopardi and Pjazza Balbi.

On Thursday, 15th May 2008 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. on Sunday, 18th May 2008 through Triq is-Salib from near BOV.

On Friday, 16th May 2008 between 5.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: is-Sajjieda, Patri Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Zerafa, il-Farfett, Pjazza Magri, il-Marsa and Balbi.

On Saturday, 17th May 2008 from 10.00 a.m. to 6.00 p.m. through the following streets: Balbi, San Tumas, Zerafa, Magri, Pjazza Magri, il-Marsa, San Pawl, Għabex, is-Sebħ, it-Tiġrija, is-Sliem and l-Iskola.

On Saturday, 17th May 2008 from 6.00 p.m. to 2.00 a.m. through the following streets: Balbi, San Tumas, il-Pitkali, Zerafa, it-Trinità Mqaddsa, Sant'Antnin, Nazzarenu and il-Marsa.

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Mejju 2008 bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: is-Sajjieda, Patri Feliċjan Bilocca, Fra Diegu, Diċembru 13, Zerafa, il-Farfett, Pjazza Magri, il-Marsa u Balbi.

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Mejju 2008 bejn l-4.00 p.m. sas-2.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: is-Salib, Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Stefano Zerafa, il-Farfett, Pjazza Patri Magri, il-Marsa u Balbi.

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Mejju 2008 mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: is-Salib, Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Zerafa, Isouard u Nerik Sacco.

Il-vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Mejju, 2008

On Sunday, 18th May 2008 between 9.00 a.m. and 5.00 p.m. through the following streets: is-Sajjieda, Patri Feliċjan Bilocca, Fra Diegu, Diċembru 13, Zerafa, il-Farfett, Pjazza Magri, il-Marsa and Balbi.

On Sunday, 18th May 2008 between 4.00 p.m. and 2.00 a.m. through the following streets: is-Salib, Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Stefano Zerafa, il-Farfett, Pjazza Patri Magri, il-Marsa and Balbi.

On Thursday, 22nd May 2008 from 3.00 p.m. to 9.00 p.m. through the following streets: is-Salib, Feliċjan Bilocca, Diċembru 13, Zerafa, Isouard and Nerik Sacco.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

9th May, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 38

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq/Ħal Safi

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Mejju 2008 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, Piety, San Bartolomew, Bronja, Alexander, Sant'Andrija u parti minn Triq iż-Żurrieq, Ħal-Safi.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Mejju 2008 mill-5.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Imsida, Santu Rokku, Pont il-Qadim quddiem il-Knisja ta' Sant'Antnin, Mannarino, Santa Marija, Psaila u Dun Filippo Borg.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-data msemmija huwa pprojbit u għalhekk jiġu rmunkati.

Ħal Għaxaq

Sa nhar it-Tnejn, it-30 ta' Ġunju 2008 mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, Misraħ Santa Marija, Vjal il-Labour, Misraħ San Ġorġ, Pjazza Santu Rokku, il-Gudja, tal-Millieri u Dawret Ħal Għaxaq.

POLICE NOTICE

No. 38

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq/Safi

On Saturday, 17th May 2008 from 10.00 a.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, Piety, San Bartolomew, Bronja, Alexander, Sant'Andrija and part of iż-Żurrieq, Safi.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

Birkirkara

On Sunday, 18th May 2008 from 5.30 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: l-Imsida, Santu Rokku, Old Bridge infront of St Anthony Church, Mannarino, Santa Marija, Psaila and Dun Filippo Borg.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Għaxaq

Up to Monday, 30th June 2008 through the following streets: Santa Marija, Misraħ Santa Marija, Vjal il-Labour, Misraħ San Ġorġ, Pjazza Santu Rokku, il-Gudja, tal-Millieri and Dawret Ħal Għaxaq.

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Mejju 2008 mill-5.00 a.m. minn Misraħ Santu Rokku.

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Mejju 2008 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Demicoli, is-Salib, Marcel Mallia, il-Ħatem iċ-Ċeppun, Misraħ San Filippu, San Pawl, il-Knisja, San Ġużepp, il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Ġebelin, Santa Marija sal-Pjazza.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Mejju 2008 mit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, San Filippu, San Pawl, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq u Santa Tereża.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju 2008 fis-6.30 p.m. minn Triq Santa Marija sal-Pjazza.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju 2008 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Valletta, Ħal Għaxaq u G. Demicoli.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2007 fil-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Santa Marija, San Ġorġ, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Dawret Ħal Għaxaq, il-Ġewwenija, Dun Matthew Scriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, Dawret Ħal Għaxaq, il-Bizzilla u Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2007 fis-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija u Misraħ Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2008 fil-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Rokku, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ sal-Pjazza.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jiġu rmunkati.

Għajnsielem - Għawdex

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju 2008 mis-6.00 p.m. minn Triq Sant'Antnin.

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju 2008 u nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2008 mis-7.00 p.m. minn Triq iż-Żewwieqa.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Ġunju 2008 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq Sant'Antnin, Gudja u Ħamri.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Id-9 ta' Mejju, 2008

On Thursday, 29th May 2008 from 5.00 a.m. through Misraħ Santu Rokku.

On Thursday, 29th May 2008 at 8.30 p.m. through the following streets: Demicoli, is-Salib, Marcel Mallia, il-Ħatem iċ-Ċeppun, Misraħ San Filippu, San Pawl, il-Knisja, San Ġużepp, il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Ġebelin, Santa Marija to Square.

On Friday, 30th May 2008 at 8.30 p.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, San Filippu, San Pawl, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq and Santa Tereża.

On Saturday, 31st May 2008 at 6.30 p.m. from Triq Santa Marija to Square.

On Saturday, 31st May 2008 from 7.00 p.m. through the following streets: Valletta, Ħal Għaxaq and G. Demicoli.

On Sunday, 1st June 2008 at 11.00 a.m. through the following streets: Misraħ Santa Marija, San Ġorġ, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Dawret Ħal Għaxaq, il-Ġewwenija, Dun Matthew Scriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, Dawret Ħal Għaxaq, il-Bizzilla and Santa Marija.

On Sunday, 1st June 2008 at 6.30 p.m. through the following streets: Santa Marija and Misraħ Santa Marija.

On Sunday, 1st June 2008 at 11.00 p.m. through the following streets: Santu Rokku, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ to Square.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Għajnsielem - Gozo

On Saturday, 31st May 2008 from 6.00 p.m. through Triq Sant'Antnin.

On Saturday, 31st May 2008 and on Sunday, 1st June 2008 from 7.00 p.m. through Triq iż-Żewwieqa.

On Sunday, 1st June 2008 from 5.00 p.m. through the following streets: Triq Sant'Antnin, Gudja and Ħamri.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

9th May, 2008

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi jgħarraf li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'ċerti skejjel:

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' €4.81 (Lm2.06) għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *part-time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time*, f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. Permezz taċ-Ċirkulari MPO Nru. 107/2007 u l-Avviż Legali 46/2007, il-*Part-time Clerks* għandhom ikunu stmati skond l-Avviż Legali 427/2002.

6. Il-kandidati għandhom:-

(a)(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU);

jew

(iv) il-kunjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur,

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General for Educational Services invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in various Schools.

2. Remuneration will be at the rate of €4.81 (Lm2.06) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. By virtue of MPO Circular 107/2007 and Legal Notice 46/2007, Part-time Clerks are entitled to be treated as per Legal Notice 427/2002.

6. Candidates must:-

(a)(i) be citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of

Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima tal-Customer Care, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport u tkun ikkupjata lill-KNPD.

the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Customer Care Section of the Ministry of Education, Culture, Youth and Sports, Floriana and copied to the NCPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

8. L-applikanti li jiġu kkonfermati li għandhom ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 6 hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

9. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

10. Il-postijiet vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq timtelà skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista.

11. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mit-Taqsima tal-*Customer Care,* Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, jintlaqgħu mill-istess Sezzjoni sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-30 ta' Mejju 2008.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-*Customer Care* huwa 21225630.

13. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mit-Taqsima tal-*Customer Care* dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mit-Taqsima tal-*Customer Care* fi żmien sebat ijiem.

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Mejju, 2008

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

8. Eligible applicants who are confirmed to be in possession of the required requisites indicated in paragraph 6 above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

9. The validity of the final order of merit will expire after two years from the publication of the final result.

10. The vacant Posts and any subsequent vacancy arising in schools will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview.

11. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. (a) Applications on the prescribed form which are available from Customer Care Section, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, will be received by the same Section by not later than noon of Friday, 30th May 2008.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Customer care is 21225630.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by Customer Care Section and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section within seven days.

14. Late applications will not be considered.

9th May, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fil-*Geography Education*
Dipartiment tal-Matematika, Xjenza
u Edukazzjoni Teknoloġika

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *full-time* fil-*Geography Education*. Il-maħtur ikun mistenni li jipparteċipa fit-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra fil-qasam tal-*Geography Eudcation*, fi ħdan id-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknoloġika, fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Huwa essenzjali li l-kandidati jkollhom *postgraduate degree* fl-Edukazzjoni. Meħtieġa wkoll esperjenza relevanti fit-tagħlim ta' suġġett kummerċjali fil-livell sekondarju u/jew *post-secondary* fi ħdan is-sistem edukazzjonali flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fit-tagħlim.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li il-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat €29,168 (Lm12,522)
Lettur Anzjan €26,457 (Lm11,358)
Lettur €21,449 (Lm9,208) li jiżdied b'*increments* ta' €641 (Lm275) fis-sena għal €23,371 (Lm10,033).
Assistent Lettur bil-Masters €20,044 (Lm8,605) li jiżdied b'*increments* ta' €596 (Lm256) fis-sena għal €21,833 (Lm9,373).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar mill-Erbgħa, il-21 ta' Mejju 2008.

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Geography Education
Department of Mathematics, Science
and Technical Education

Applications are invited for a full time post in Geography Education. The appointee will be required to participate in teaching, research, administration and other activities in the area of Geography Education, within the Department of Mathematics, Science and Technical Education, Faculty of Education, and as may be required by the University.

2. It is essential that candidates have a postgraduate degree in Education with specialisation in the teaching of Geography or a postgraduate degree with specialisation in Geography. Relevant experience teaching geography at secondary and/or post-secondary level within the Maltese educational system together with a recognised teaching qualification are also required.

3. The appointee may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are candidates who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor €29,168 (Lm12,522)
Senior Lecturer €26,457 (Lm11,358)
Lecturer €21,449 (Lm9,208) rising by annual increments of €641 (Lm275) to €23,371 (Lm10,033)
Assistant Lecturer with Masters €20,044 (Lm8,605) rising by annual increments of €596 (Lm256) to €21,833 (Lm9,373)

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

The Director for Human Resources Management
and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 21st May 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

Id-9 ta' Mejju, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fil-*Mathematics Education*
Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknoloġika
Fakultà ta' l-Edukazzjoni

